# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Illum 18 ta' Novembru 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 91/2024 JPG**

**Kawza nru.: 24**

**GB**

**vs**

**Dr Joseph P Bonnici u PL Daniel Aquilina bhala Kuraturi Deputati Sabiex jirraprezentaw lil assenti AB u b'digriet tal-10 t'Ottubru 2024, il-Kuraturi Deputati gew Estromessi stante li AB assuma l-atti personalment.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-attrici datat 21 ta' Frar 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi hija zzewwget lil AB nhar is-sittax (16) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbatax (2014), certifikat taz-zwieg hawn anness u mmakrat Dok A;*

2. *Illi minn dan iz-zwieg l-partijiet kellhom tifla, MBB li twieldet f'X certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dok B;*

3. *Illi l-partijiet kienu ssepparaw permezz ta' sentenza ta' separazzjoni personali moghtija mill-Imhallef Antonio G Vella datata sitta ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (6.12.2023), liema kopja qed jigi hawn anness u mmarkat Dok C, u liema sentenza giet definittiva fil-hdax ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgha u ghoxrin (11.1.2024) minhabba li ma kienx hemm appell minnha, certifikat hawn anness u mmarkat Dok D;*

4. *Illi m'hemm ebda pendenza ta' manteniment bejn il-partijiet;*

5. *Illi skond l-emendi l-godda fil-Kodici Civil maghmula mill-Att XXV tal-elfejn u wiehed u ghoxrin (2021), senjatament fl-Artikolu 66B, il-partijiet huma separati b'sentenza ta' separazzjoni fuq imsemmi, ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom, u l-wild minuri minn dan iz-zwieg qeghda tircievi manteniment adekwat ghaliha skont s-sentenza ta' separazzjoni fuq imsemmi u ghaldaqstant jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet GB u AB skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi ghalhekk ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara z-zwieg tar-rikorrenti GB minn ma AB mahlul, u li konsegwentement il-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun hemm registrat fir-Registru Pubbliku;*

*U dan taht kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li jkun xieraq u opportun fic-cirkostanzi.*

*Bl-ispejjez karigu tal-esponenti f'sehem indaqs bejniethom.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimati Kuraturi Deputati Dr Joseph P. Bonnici u PL Daniel Aquilina (Vide Fol 33) fejn jaqblu mat-talba tar-rikorrenti b'dan li m'ghandhomx ibaghtu l-ebda

spejjez. Salv risposti ulterjuri.

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-10 t'Ottubru 2024 (Fol 35) illi permezz taghha il-Qorti ordnat l-estromessjoni tal-Kuraturi Deputati b'riserva ta' kull dritt spettanti lilhom wara li l-intimat AB assuma l-atti tal-kawza personalment;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet (vide xhieda Fol 36)** u kkonfermat illi il-partijiet izzewgu nhar is-16 ta' Gunju 2014 u li minn dan iz-zwieg kellhom wild wiehed li ghadha minorenni. Tddikjara illi huma sseparaw legalment permezz ta' sentenza ta' separazzjoni personali datata 6 ta' Dicembru 2023 minn l-Onor Imhallef Antonio G Vella. Tghid li ilha tghix separatament fizikament minn ma zewgha mit-13 ta' Dicembru 2022, id-data meta l-intimat telaq minn Malta. Di piu', tikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimat xehed a Fol 36** u kkonferma x-xhieda tal-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-***

*miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.*

*(… omissis)*

*66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin*

> ***f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-16 ta' Gunju 2014 liema zwieg jgib certifikat numru 1639/2014 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 5). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla li ghadha minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' sentenza ta' separazzjoni personali moghtija mill-Onor Imhallef Antonio G Vella fis-6 ta' Dicembru 2023 (Vide fol 7 et seqq). L-attrici xehdet illi l-partijiet ssepparaw de facto fit-13 ta' Dicembru 2022 meta l-intimat telaq minn Malta. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1639/2014 u tordna lir-**

**Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti GB u AB.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**